# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 205/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gilbert Scerri**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Gilbert Scerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 464977(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-4 ta' Ġunju 2012 għal ħabta tas-19:30hrs ġewwa Telgħet Raħal Ġdid, Paola:

1. saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni UMM 001 b'manjiera perikoluża;

2. b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-

traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Aleandro Brignoli (persuna minuri) skont kif iċċertifikat Dr. S. Camilleri M.D. Reg. 3318 mill-M.D.H..

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' April 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 216(1)(b), 225, u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu għall-ewwel (1) imputazzjoni sabet lill-imputat ħati ta' sewqan traskurat u bla kont iżda mhux ta' sewqan perikoluż u għalhekk in kwantu għal sewqan b'manjiera perikoluża lliberatu minn tali imputazzjoni u in kwantu għat-tieni (2) imputazzjoni sabitu ħati tagħha u għalhekk ikkundannat lill-imputat multa ta' elf Euro (€1,000). B'applikazzjoni ta' Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan tal-imputat għal tmint ijiem li kellha tibda minn nofs il-lejl u minuta ta' dakinhar.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' April 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab mhux ħati ta' sewqan perikoluż, iżda tirrevoka u tħassar l-istess sentenza tal-20 ta' April 2016 fejn l-appellant instab ħati ta' sewqan traskurat u bla kont; tirrevoka u tħassar l-istess sentenza wkoll in kwantu l-appellant instab ħati tat-tieni imputazzjoni u kif ukoll fejn ġie kkundannat iħallas multa ta' elf Euro (€1,000) u ġiet ordnata l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan ta' l-appellant għal tmint ijiem, u għaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, dan kollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-20 ta' April 2016.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li l-inċident stradali mertu ta' dan il-każ seħħ fl-4 ta' Ġunju 2012 meta hu kien qed isuq ġo Telgħet Raħal Ġdid, Paola. Jgħid li ma kellux traffiku quddiemu iżda fil-karreġġjata opposta kien hemm it-traffiku li prattikament kien vettura ma' vettura. Jispjega li żewġ minuri qabdu u qasmu minn bejn il-vetturi għall-karreġġjata fejn kien qed isuq hu u li Aleandro Brignoli ħareġ bħal sajjetta minn wara vettura li kienet wieqfa. Jgħid li dan Brignoli waqa' u korra. Jgħid li hu tal-fehma li Aleandro Brignoli ma ntlaqatx mill-vettura misjuqa minnu u li ċ-ċertifikati mediċi jeskludu li ntlaqat mill-vettura.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li jkun opportun li f'dan l-istadju ssir riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali. Fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mir-rapport (*a fol.* 2 *et seq.*) redatt mill-Pulizija jirriżulta li s-sewwieq (ossia l-appellant) kien qal li f'daqqa waħda żewġt itfal qasmu jiġru minn fuq il-lemin tiegħu u aċċidentalment laqat ftit li wieħed minnhom. Skont is-sewwieq it-tfal kienu qasmu bl-addoċċ minn bejn il-vetturi li kienu neżlin minn naħa opposta. Dwar il-vettura l-istess rapport jgħid li ma kienx hemm ħsarat. Fl-iSptar ġie ċċertifikat li t-tifel kien qed isofri minn ġrieħi gravi.

- Fl-affidavit tiegħu **PS 1067 Mario Spiteri** (*a fol.* 7 *et seq.*) prattikament jgħid l-istess dettalji ta' hawn fuq b'dan illi fl-aħħar tal-affidavit hemm imniżżel hekk: *"Minħabba l-gravita' tal-ġrieħi li ġarrab it-tifel jien ħriġt l-akkużi fil-konfront tax-xufier tal-vettura, għal fatt li dan saq il-vettura tiegħu b'mod perikoluż u b'konsegwenza ta' hekk laqat persuna fejn ikkaġunalha ġrieħi ta' natura gravi."*

- *A fol.* 9 hemm iċ-ċertifikat mediku rilaxxat minn Dr. S. Camilleri fejn hemm dettalji tal-ġrieħi sofferti minnu, liema ġrieħi ġew deskritti bħala gravi. Għal kull buon fini jiġi rilevat li fis-seduta miżmuma fl-10 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 10) l-Ewwel Qorti rat il-ferita f'wiċċ it-tifel u fil-verbal tas-seduta msemmija ġie mniżżel hekk: *"Il-Qorti rat illi l-ferita sofferta f'wiċċu tikkostitwixxi sfreġju."*

- Meta xehed **PS 1067 Mario Spiteri** (*a fol.* 17 *et seq.*) huwa qal li x-xufier (ossia l-appellant) kien qallu li t-tfal qasmu bl-addoċċ u li aċċidentalment laqat wieħed minnhom. Żied jgħid li sebgħa u għoxrin (27) metru 'l bogħod hemm *zebra crossing* u li ma kienx hemm marki tat-*tyres* fuq il-post. Jgħid li x-xufier kien qed inaqqas għax kien qed javviċina r-*roundabout* ta' Sare' u li kien sejjer fid-direzzjoni lejn l-Għassa ta' Raħal Ġdid. Jgħid li x-xufier qallu li kien tiela' bi *speed* normali għaliex quddiemu ma kellux traffiku u li malli laqat lit-tifel waqaf mal-ewwel u ta l-ewwel għajnuna. Jgħid li ngħad lilu li t-tfal kienu qasmu minn naħa tal-lemin tax-xufier.

- **Oswlado Brignoli** (ħu l-vittma – *a fol.* 24 *et seq.*) qal li kif waslu f'nofs it-triq raw vettura ġejja u ħuh telaq jiġri waqt li hu resaq lura biex ma jtajrux. Jgħid li sema' "bumm" u ra lil ħuh nieżel mal-art. Jgħid li raw lis-sewwieq ġej sparat u li qabel ma bdew jaqsmu t-triq ma kinux raw il-vettura. Jixhed li lemaħ il-vettura l-ewwel darba f'nofs ta' triq u jgħid li ma kienx qagħad jagħti każ kemm kienet bogħod minnhom il-vettura meta kienu f'nofs ta' triq. Jgħid li ħuh kien spiċċa kollu fuq il-bankina u li kien ħabat rasu mal-art u qasam moħħu. Jispjega li s-sewwieq kien laqat waħda mis-saqajn ta' ħuh: dik li kienet għadha ma telgħetx fuq il-bankina. Jgħid li huma bdew jgħaġġlu għax ma kinitx marret ommhom għalihom.

- **Aleandro Brignoli** (*a fol.* 33 *et seq.*) xehed li kien sejjer lura biex iġib iċ-ċavetta għaliex kien nesieha. Qal li kif kien fuq il-bankina ħadlu saqajh. Jgħid li ma kienx leħaq tella' ż-żewġ saqajn fuq il-bankina u lanqas il-brejk ma kien sema'. Jirriżulta li lill-Ewwel Qorti x-xhud urieha in-naħa ta' wara ta' siequ x-xellugija. Jgħid li qabel qasam huwa ma kienx ra kinux ġejjin vetturi għaliex kien mgħaġġel biex imur iġib iċ-ċavetta. Jgħid li ħuh kien waqqfu fin-nofs biex jara humiex ġejjin vetturi iżda hu mar jiġri. Jgħid li meta laqtitu l-vettura huwa waqa' u ġie fuq il-bankina. Jixhed li kien jaf li hemm *zebra crossing* u ma jafx għalfejn ma użahiex.

- **Rachel Brignoli** (*a fol.* 48 *et seq.*) xehdet li ma kinitx preżenti waqt l-inċident u li binha kien dam tlitt ijiem l-isptar u hi ħadet xi ritratti li jindikaw offiża fuq l-għajn il-leminija (Dok. "RB 1" – *a fol.* 51 *et seq.*).

- **Dr. Samantha Camilleri** (*a fol.* 58 *et seq.*) ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku (*a fol.* 9) rilaxxat minnha. Hija semmiet il-brix fuq sider it-tifel u fuq iż-żewġ irkupptejn, kif ukoll gundalla fuq in-naħa tal-lemin ta' moħħu u gundalla żgħira fuq in-naħa tal-lemin ta' moħħu wkoll. Hija qieset l-offiżi bħala gravi għax kellu qasma fuq wiċċu li tista' tħalli marka.

Għal kull buon fini jingħad li fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-6 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 60) id-difiża ma kkontestatx li l-feriti sofferti mill-parti leża kienu gravi.

- L-appellant **Gilbert Scerri** (*a fol.* 69 *et seq.*) xehed li kien għadu d-dawl meta kien qed isuq it-Toyota Rav-4 li hija *manual* u *diesel*. Jgħid li quddiemu ma kienx hemm traffiku waqt li n-naħa l-oħra t-traffiku kien miexi bil-mod tant li kważi kienu vettura ma' vettura. Jgħid li kien qed isuq bi *speed* ta' 40km.f.s.. Jispjega li t-tfal qasmu bl-addoċċ minn wara waħda mill-vetturi li kienu neżlin bil-mod u li huma ma ħarsux minn fejn kien tiela' hu. Jgħid li hu ma setax jarahom għax qasmu minn bejn il-vetturi u huma qosra u li bilkemm ingħata ċans jagħfas il-brejk. Jgħid li huwa kien waqqaf u ċempel l-emerġenza u li baqa' hemm sakemm marru l-Pulizija u ħadulu d-dettalji. Jgħid li l-vettura ma kellha ebda ħsara. Fil-<u>kontro-eżami</u> jgħid li t-tfal ma stennewx f'nofs it-triq imma qasmu dritt. Jispjega li wara beda jaħseb li t-tifel seta' waqa' fuq ir-ramel li kien hemm taħt il-bankina għaliex huwa ma ħassx impatt mal-vettura.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak sollevat fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li minkejja li l-Ewwel Qorti sabet li kemm hu u kif ukoll lil Aleandro Brignoli kienu jaħtu għall-inċident stradali in kwistjoni, kien Aleandro Brignoli waħdu li kellu jinstab responsabbli għalih. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma applikatx l-insenjamenti li kkwotat mis-sentenzi fejn, fost l-oħrajn, l-Ewwel Qorti rriferiet għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Brincat** (Numru 298/2007) fejn ingħad hekk:

> "Issa pero', kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera"** [13.12.68]:

> *"Driver ma jistax jissolleva b'suċċess id-difiża tas-"sudden emergency" meta l-emerġenza jkun ħoloqha hu."*

Ġie ukoll ritenut li:

> *"Driver għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'pożizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-każ li fih driver jista' jkun eżentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b'xi att inaspettat u subitaneu jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu ikun qiegħed lid-driver f'pożizzjoni li anki bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment." (App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"*** *[26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859).""*

Illi l-appellant jisħaq li l-ġurisprudenza Maltija hija wkoll konkordi li l-emerġenza subitanea tissussisti meta l-*pedestrian "jaqsam f'daqqa u jissorpendi lill-konduċent jew jagħmel xi moviment insolitu u inaspettat"* jew meta *pedestrian* jinżel inaspettament minn fuq il-bankina jew jaqsam jew jitfaċċja għall-għarrieda minn wara xi vettura oħra. Huwa jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. J. Thornton** (Kollezz. Vol. XLV.iv.920) u għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** (Kollezz. Vol. XLVI.iv.765).

Illi l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-prinċipji tad-dritt meta ma tefgħetx ir-responsabilita' esklussiva tal-akkadut lill-*pedestrian*. Jgħid li f'dan il-każ fil-karreġġjata opposta kien hemm it-traffiku tant li kienu vettura ma' vettura u t-traffiku kien miexi bil-mod. Jisħaq li l-minuri qabad u qasam sparat minn bejn il-vetturi u daħal fil-karreġġjata fejn kien qed isuq hu. Jgħid li kien impossibbli li hu jagħmel xi

ħaġa differenti minn dak li għamel biex jevita l-akkadut u li ma kellu ebda *reaction time* għaliex il-minuri qasam f'daqqa u ssorprenda lill-konduċent. Jgħid li l-minuri malajr seta' jaqsam nofs triq meta tqis li kien qed jiġri. Jgħid li għalkemm hu kien qed isuq b'veloċita' baxxa kien impossibbli li jwaqqaf il-vettura. Jgħid ukoll li l-minuri lanqas biss ra kinux ġejjin vetturi għax kien mgħaġġel biex imur iġib iċ-ċavetta.

Illi l-appellant jisħaq li hemm dubju serjissimu jekk hu laqatx lil Aleandro Brignoli. Huwa jispjega li fuq il-vettura lanqas kien hemm l-iċken għafsa u li hu ma sema' ebda ħoss. Jgħid li minkejja li l-minuri xehed li ntlaqat mill-vettura f'waħda minn saqajh iżda mir-riżultati mediċi ma jirriżultax li kellu xi daqqa f'waħda minn saqajh. Jgħid li jirriżulta biss grif fl-irkobbtejn.

**Ikkunsidrat**

Illi minn dak espost hawn fuq jirriżulta li l-appell tal-appellant huwa effettivament wieħed dwar l-apprezzament tal-fatti. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula

> mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi tenut kont ta' dan u ta' dak li ġie sollevat fir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti eżaminat mill-ġdid dak li jirriżulta fl-atti proċesswali tant li sar sommarju ta' hekk aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi filwaqt li fl-ewwel (1) imputazzjoni l-appellant ġie akkużat b'sewqan b'manjiera perikoluża, fit-tieni (2) imputazzjoni huwa ġie akkużat li nvolontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq Aleandro Brignoli. Filwaqt li l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni hija sabet lill-appellant ħati biss ta' sewqan traskurat u bla kont iżda mhux ta' sewqan perikoluż.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** (Numru 362/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Kif ġie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> > "Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara **The Police vs. Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deċiż fid-19 ta' Frar 2004:

> "... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' '*degree*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' '*recklessness*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). *'Recklessness'* ġiet definita bħala *'wilfully shutting one's eye'* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Inveċe sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])"."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li s-sewwieq kien qal lill-iSpettur li kien laqat ftit aċċidentalment lil "wieħed minnhom". Waqt li kien qed jixhed huwa ġieh dubju jekk fil-fatt it-tifel kienx waqa' fir-ramel li kien hemm taħt il-bankina. Huwa jissottometti li lanqas biss kien hemm daqqa fuq il-vettura (kif jidher ukoll mir-rapport tal-Pulizija). Minkejja dan, din il-Qorti issib aktar verosimili l-verżjoni li ngħatat mill-vittma li x-xufier kien laqtu fuq in-naħa ta' wara ta' dik is-sieq li ma kienx għadu tella' fuq il-bankina.

Illi minn naħa l-oħra din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt l-appellant kellux jinstab ħati ta' sewqan traskurat u bla kont jew jekk weriex nuqqas ta' ħila bħala xufier jew jekk kienx hemm nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku. Dwar il-feriti sofferti mill-vittma ma

hemm xejn aktar x'jingħad u dana *stante* li d-difiza nnifisha ma kinitx qed tikkontesta l-fatt li l-feriti sofferti mill-parti leża kienu gravi u dana mingħajr ma għamlet ebda ammissjoni ta' ħtija dwar ir-responsabilita' tal-appellant.

Illi l-Qorti qed tqis li l-vittma qal li x-xufier kien ġej "sparat". Dan huwa kontrastat minn dak li qal l-appellant stess li qal li kien qed isuq b'40km.f.s. u li kien qed inaqqas għaliex kien qed javviċina r-*roundabout*. Jirriżulta li l-iSpettur xehed li lanqas ma kienu nstabu brejkmarks.

Illi punt ieħor li għandu jissemma huwa li ftit metri biss 'il bogħod kien hemm *zebra crossing* li setgħet intużat imma jidher li l-vittma ried jaqsam malajr għaliex kien nesa ċ-ċavetta. Kien għalhekk li ma użax iz-*zebra crossing*.

Illi punt ieħor importanti huwa li meta l-vittma kien mistoqsi jgħid jekk hu ħarisx qabel ma qasam, huwa wieġeb fin-negattiv. Wara li għaddew minn bejn il-vetturi tan-naħa l-oħra tal-karreġġjata – serbut li kien miexi bil-mod ħafna – wieħed kien jistenna li l-vittma jieqaf għaliex jekk in-naħa l-oħra t-traffiku kien aktar kalm ma jfissirx li ma kinux qed jgħaddu l-vetturi. Għalhekk hawnhekk kien hemm nuqqas serju tal-*pedestrian*. Aktar ma wieħed jixtarr id-depożizzjoni tal-parti leża aktar joħroġ biċ-ċar kemm fil-għaġla biex iġib iċ-ċavetta huwa qasam mingħajr prudenza ta' xejn. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li anke l-*Highway Code* jistenna li *pedestrian* ma jaqbadx u jaqsam iżda dan għandu jħares sew u jara kif ukoll jisma' jekk hux ġej it-traffiku. Ma hemm l-ebda dubju li l-qsim tal-vittma sar bl-addoċċ.

Illi l-Ewwel Qorti rriferiet għal sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fejn il-*pedestrian* ikun negliġenti. Xorta s-sewwieq irid juża *"reasonable care"*. Imma mbagħad wieħed irid jara jekk il-*pedestrian* ħoloqx emerġenza subitanea imprevedibbli. Hija semmiet ukoll sentenzi oħra fejn l-emerġenza tikkonkretizza ruħha *"meta jaqsam f'daqqa u jissorpendi lill-konduċent, jew jagħmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (**Il-Pulizija vs. J. Thornton** – Kollezz. Vol. XLV.iv.920) u hija kompliet iżżid li *"meta pedestrian*

*jinżel inaspettament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċja għall-għarrieda minn wara karozza oħra, jew li joħroġ minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaċċja għall-għarrieda u inaspettament quddiem il-karozza"* (**Il-Pulizija vs. Cassar Desain** – Kollezz. Vol. XLVI.iv.765).

Illi jibqa' dejjem id-dmir tas-sewwieq li jżomm dak li jissejjaħ *"a proper look out"*: fis-sens li sewwieq għandu jara sew x'qed jiġri quddiemu u ma' ġenbu. F'dan il-każ din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali fl-ebda mument ma sabet li s-sewwieq *ossia* l-appellant ma kienx qed iżomm dan il-*proper look out*. Quddiemu ma rriżultax li kien hemm vetturi u ma hemm ebda prova li ma kienx attent biżżejjed meta wieħed iqis li t-tfal ma kinux twal. Lanqas ma jfisser li ma kienx attent biżżejjed għax it-tfal ġew minn naħa tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li dan huwa każ ta' sewwieq li nħasad minħabba kif żvolgew l-affarijiet li hu ma kellux kontroll fuqhom. M'hemmx provi li l-appellant kien qed isuq b'mod traskurat u bla kont kif dawn il-frażijiet ġew spjegati fis-sentenza ċċitata aktar 'il fuq fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** li ċċitat b'approvazzjoni s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**.

Illi huwa minnu li l-vittma sofra offiżi gravi imma wieħed irid iqis jekk kellux tort is-sewwieq għal dak li ġara jew le. Għandu jingħad li f'każijiet ta' negliġenza l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova każ lil hinn minn kwalunkwe dubju jibqa' jgħodd. Din il-Qorti ma tqisx li hemm tali provi fil-proċess.

Illi b'hekk, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, filwaqt li din il-Qorti hija tal-fehma li l-vettura misjuqa mill-appellant laqtet lil Brignoli u b'hekk il-parti tal-appell li tgħid mod ieħor qed tiġi miċħuda, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellant fejn jingħad li hu ma kellux jinstab ħati bl-ebda mod tal-inċident stradali in kwistjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Gilbert Scerri bil-mod kif imsemmi hawn fuq u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati ta' sewqan perikoluż u li lliberatu minnu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni sabitu ħati ta' sewqan traskurat u bla kont u fejn sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni, kif ukoll fejn ġie kkundannat multa ta' elf Euro (€1,000) u fejn ġiet ordnata l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan tiegħu għal tmint ijiem u minflok ma ssibx lill-appellant ħati ta' sewqan traskurat u bla kont fl-ewwel (1) imputazzjoni u ma ssibux ħati anqas tat-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, inkluż l-iskwalifika.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**